# Programm tal-Festa f'ġieħ Sant'Anton Abbati

fil-Knisja ddedikata lilu fix-Xagħra Għawdex • 12 - 19 ta' Jannar 2014

**Il-Ħadd 12 ta' Jannar: Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**

| | |
|---|---|
| 6.30am | Quddiesa letta. |
| 10.00am | Quddiesa bl-omelija mir-Rettur il-Kan. Ġwann Sultana. Isir it-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. |

**It-Tnejn 13 ta' Jannar: Jum l-Abbatini u l-Vokazzjonijiet**

| | |
|---|---|
| 6.00pm | Rużarju meditat mill-Abbatini. |
| 6.30pm | Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kan. Dun Brian Mejlak, Kappillan Ta' Kerċem u Direttur Djoċesan tal-Abbatini, li matulha jsir it-tiġdid tal-wegħdiet tal-abbatini u l-vestizzjoni ta' abbati ġdid, Jonathan Formosa. Janima l-kant Mario Caruana. Wara, tingħad il-Kurunella, kant tal-Innu u Barka Sagramentali. |

**It-Tlieta 14 ta' Jannar: L-Ewwel Jum tat-Tridu Solenni**

| | |
|---|---|
| 6.00pm | Rużarju meditat. |
| 6.30pm | Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kan. Reuben Micallef, Arċipriet taż-Żebbuġ. L-omeliji tat-Tridu jsiru minn Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali. Janima il-Liturġija l-'Kor Regina Angelorum' tal-Parroċċa taż-Żebbuġ. Wara, tingħad il-Kurunella, kant tal-Innu u Barka Sagramentali. |

**L-Erbgħa 15 ta' Jannar: It-Tieni Jum tat-Tridu Solenni**

| | |
|---|---|
| 9.00am | Quddiesa għall-morda u l-anzjani mmexxija minn Dun Joe Said, Kappillan fid-Djoċesi ta' Frosinone fl-Italja. Wara jkollhom attivita' soċjali fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ organizzata mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra. |
| 4.30pm | Quddiesa għat-tfal ta' San Lawrenz minn Dun Nazju Borg, Kappillan. |
| 6.30pm | Quddiesa Solenni mmexxija minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Għarb bis-sehem tal-gruppi tal-Adoloxxenti tal-Għarb. Tanima l-Liturġija s-Sopran Rita Dimech. Wara, tingħad il-Kurunella, kant tal-Innu u Barka Sagramentali. |

**Il-Ħamis 16 ta' Jannar: It-Tielet Jum tat-Tridu Solenni. Lejliet il-Festa Liturġika**

| | |
|---|---|
| 5.30pm | Rużarju meditat. |
| 6.00pm | Kant Solenni tal-Ewwel Għasar (bil-Malti) immexxi minn Mons. Anton Refalo Zammit. |
| 6.30pm | Quddiesa Solenni mmexxija minn Dun Gerald Buhagiar, Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Janima l-Liturġija il-Kor 'Nativitas' tal-Banda *Victory* taħt it-tmexxija ta' Ivan Attard. Wara, tingħad il-Kurunella, kant tal-Innu u Barka Sagramentali. |

**Il-Ġimgħa 17 ta' Jannar: Solennita' Liturġika ta' Sant'Anton Abbati.**

*Illum il-knisja tkun miftuħa l-ġurnata kollha għall-qima tad-devoti.*

| | |
|---|---|
| 7.00am | Quddiesa mill-Kan. Ġwann Sultana, Rettur tal-Knisja, li tagħti bidu għal ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika Solenni. |
| 1.00pm | Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Fontana. Quddiesa mill-Kan. John Muscat, Kappillan. |
| 4.00pm | Pellegrinaġġ mill-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla. Quddiesa minn Dun Eddie Zammit, Rettur. |
| 5.00pm | Adorazzjoni Ewkaristika Komunitarja u Talba tar-Rużarju. |
| 5.45pm | Wasla u merħba lill-E.T. Mons. Arċisqof Aldo Cavalli, Nunzju Apostoliku għal Malta. Kant 'Sacerdos et Pontifex'. |
| 6.00pm | Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċisqof Aldo Cavalli li fiha jwassal messaġġ dwar Sant'Anton Abbati f'jum it-twelid tiegħu għas-sema. Isir it-tberik ta' Via Sagra ġdida għall-knisja, xogħol ta' Manuel Farrugia. Jieħdu sehem orkestrina u l-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel P. Grech. Wara, Kurunella, Kant tal-Innu popolari u Barka Sagramentali. |

**Is-Sibt 18 ta' Jannar: Lejlet il-Festa ta' Sant'Anton Abbati**

| | |
|---|---|
| 10.00am | Quddiesa għat-tfal. Wara, dimostrazzjoni mit-tfal bl-istatwa l-antika ta' Sant'Anton Abbati. Fi pjazza Sant'Anton ikun hemm festin, logħob u *pony rides* għat-tfal. |
| 5.15pm | Translazzjoni bir-Relikwija ta' Sant'Anton Abbati. |
| 5.30pm | Kant tal-Ewwel Għasar. |
| 6.00pm | Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra. Kurunella, Innu u Barka Sagramentali. |
| 7.30pm | High Tea ta' lejlet il-festa fis-sala tal-Każin tal-Banda *Victory*. |

**Il-Ħadd 19 ta' Jannar: Jum il-Festa ta' Sant'Anton Abbati**

*Quddies bl-omelija fil-knisja*: 6.00am, 7.00am, 8.30am (Konċelebrazzjoni), 11.00am, 12.00pm u 6.30pm.

| | |
|---|---|
| 8.30am | Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Janima l-Kor Djoċesan taħt id-direzzjoni ta' Dorianne Portelli. Din il-quddiesa tkun imxandra diretta fuq Radju RTK u Radju Bambina. |

9.30am Marċ mill-Banda *Victory* tax-Xagħra minn ħdejn il-belveder ta' San Marzjal sal-knisja.

10.00am Ħruġ tal-vara ta' Sant'Anton mill-knisja tiegħu. Il-Banda *Victory* issellem lill-Qaddis bil-kant tal-Innu popolari u wara takkumpanja l-vara sa Pjazza Sant'Anton fejn isir it-tberik tradizzjonali taż-żwiemel minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo.

10.30am Sfilata taż-żwiemel li tgħaddi mit-toroq San Ġużepp, Knisja u Misraħ il-Vitorja akkumpanjata mill-Banda *Victory*. L-vara ta' Sant'Anton Abbati tiddaħħal fil-Bażilika ta' Marija Bambina.

11.00am Wirja tal-Klieb fi Pjazza Sant'Anton organizzata mill-Kunsill Lokali tax-Xaghra.

11.00am Wirja tal-Falkuni ħdejn il-knisja ta' Sant'Anton Abbati organizzata miċ-Ċentru Malti tal-Falkunerija flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

11.15am Dawra bit-*Train* madwar ix-Xagħra. Tluq minn Pjazza Sant'Anton Abbati.

1.00pm Tlielaq tat-tfal fi Triq Sant'Anton. Jingħataw medalji lill-parteċipanti kollha u trophies lir-rebbieħa. It-tfal mistiedna jieħdu sehem.

3.30pm Fil-Bażilika ta' Marija Bambina, Kant Solenni tat-Tieni Għasar immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

3.45pm Marċ mill-Banda *Victory* minn quddiem il-Każin tal-istess Soċjeta' sa Misraħ il-Vitorja.

4.00pm Ħruġ tal-Purċissjoni bil-vara ta' Sant'Anton Abbati li tgħaddi minn Misraħ il-Vitorja, Triq it-28 ta' April 1688 u Pjazza Sant'Anton. Takkumpanja l-Banda *Victory.*

4.30pm Fi Pjazza Sant'Anton, isir it-tberik tradizzjonali tal-annimali u l-*pets* immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Wara, titkompla l-Purċissjoni sal-Knisja ta' Sant'Anton fejn tingħata l-Barka Sagramentali li tagħlaq il-festi f'ġieħ Sant'Anton Abbati.

6.30pm Quddiesa.

Kulħadd mistieden jattendi għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Infakkru li dan il-programm huwa suġġett għal kull tibdil avżat fil-knisja ta' Sant'Anton u fuq Radju Bambina. Dawn il-funzjonijiet ser ikunu mxandra b'mod dirett fuq Radju Bambina (98.3 FM).

**TWIEQI ĠODDA GĦALL-KNISJA TA' SANT'ANTON ABBATI**
**MAĦDUMA FL-ISTAINED GLASS MID-DITTA VETRATE D'ARTE GIULIANI TA' RUMA**


San Pawl, Eremita


Il-Ħaruf Divin tal-Apokalissi


San Atanasju, Isqof ta' Lixandra

